**Imħallfin:**

**S. T. O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Markis Anthony Cassar Desain, et.

versus

Giovanni Pace, ne.

**Vjolazzjoni ta' Prinċipju ta' Ġustizzja Naturali — Korrezzjoni ta' Żball.**

*Każ fejn ġrat irregolarita li tammonta għal vjolazzjoni ta' prinċipju ta' ġustizzja naturali in kwantu l-kawża inqatgħet fil-meritu qabel ma nstemgħu l-provi kollha u mingħajr ma l-appellant ġie mħolli l-opportunita li jagħmel it-trattazzjoni fuqu. Din ma kienetx sempliċi vjolazzjoni ta' forma,*

*f'liema kaž il-Qorti ma kienetx tannulla s-sentenza hlief jekk jidhrilha illi s-sentenza mhix ġusta.*

*Meta skrittura tiġi korretta, dik il skrittura ghandha tiġi notifikata mill-ġdid. F'dan il-każ ghalkemm ma sarx ordni ghal din in-notifka, ma kienx hemm nullita tal-proceduri li saru wara.*

Il-Qorti:— Rat it-talba tar-rikorrenti quddiem il-Board li Jirregola l-Kera biex jieħu lura l-ħanut imsejjaħ "Castille Bar" numru 6 Castille Place, Valletta, mikri lill-intimat, billi dana ssulloka dan il-fond mingħajr il-kunsens tas-sidien u nonostanti d-diviet li hemm fil-kuntratt tal-kiri.

Rat id-deċiżżjoni ta' dak il-Board ta' l-erbatax (14) ta' Lulju, 1964 li biha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tan-nullita tar-rikors u ġiet ordnata l-korrezzjoni fil-kunjom tar-rikorrenti Markiża Evelyn Cassar Desain, wara li l-Board ikkunsidra:—

Illi fl-"occhio" tar-rikors jidher il-kliem, fost ismijiet oħrajn tar-rikorrenti, "il-Markiża Evelyn Delia f'isimha proprju u bħala tutriċi ta' wliedha minuri Michael u Nathalie Cassar Desain." Jingħad immedjatament wara, li l-att huwa "Rikors tal-fuq imsemmija aħwa Cassar Desain, Bernard Brockdorff, Lino Delia, Markiża Evelyn Cassar Desain proprio et nomine;

Illi minn dan jidher illi l-kunjom Delia appost għall-Markiża Cassar Desain huwa effett ta' żball evidenti, u ma jistax ikun hemm ebda dubbju illi l-persuna fl-okkjo ġiet kwalifikata bħala Markiża Evelyn Cassar Desain imsemmija fil-korp tar-rikors.

Illi — a parti l-kwistjoni jekk fil-proċeduri quddiem dan il-Board, l-okkju veru u proprju hux rekwiżit essenzjali tar-

rikors, billi dana ma hux indikat fil-formula B annessa mal-Kap. 109 li tindika biss li jrid ikun hemm il-firma ta' min jagħmel it-talba kwantu għall-indikazzjoni tar-rikorrenti, u kif ingħad fir-rikors in kwistjoni jingħad illi hija l-Markiża Cassar Desain li qegħda tisponi l-fatti u tagħmel 't-talba — l-art. 175 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jawtorizza lil dan il-Board, anki ex officio, "to order or permit any written pleading to be amended, either by adding or striking out the name of any party and substituting another name instead, or by correcting a mistake in the name of any of the parties . . . etc."

Illi dan il-Board, u anki l-Qrati tagħna, kellhom okkażżjoni diversi drabi jippronunzjaw ruħhom fis-sens illi dan l-artikolu ma hux intiż biex jikkorreġi żbalji fl-ismijiet fis-sens illi għal xi waħda mill-partijiet tiġi sostitwita persuna ġuridika differenti, iżda l-portata tiegħu hija ta' korrezzjoni fl-isem ta' parti, meta fil-kawża tibqa dik l-istess persuna li tkun ġiet indikata b'isem ħażin.

Illi l-każ in eżami huwa appuntu dak kontemplat fl-artikolu fuq ċitat, għax bit-tibdil tal-kunjom rikjest, ma ssir ebda sostituzzjoni ta' persuna, iżda biss tiġi ndikata b'isimha korrett l-istess persuna li għamlet it-talba u fl-istess kwalita ġuridika li fiha kienet qegħda tidher.

Rat id-deċiżżjoni l-oħra ta' l-istess Bord mogħtija fl-istess ġurnata li biha laqa t-talba tar-rikorrenti bl-ispejjeż u ta lill-intimat erbgħin ġurnata żmien biex jiżgombra l-fond wara li kkunsidra:—

Illi l-intimat permezz, tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt tat-tmienja (8) ta' April, 1952, kien akkwista mingħand Mary Pirotta l-avvjament u l-inkwilinat tal-fond

in kwistjoni, li allura kien iġib l-isem ta' "Lyons Corner House", u f'dak il-kuntratt Alfredo Cachia Zammit, bħala amministratur tal-Primogenitura Testaferrata, li għaliha kien jappartieni l-fond, kien irrikonnoxxa lill-intimat bħala l-inkwilin il-ġdid tal-fond, u fost il-kondizzjonijet tal-lokazzjoni ġiet apposta d'k (numru 7) illi "l-inkwilini ma jistgħux jissullokaw il-fond jew iċedu l-avvjament tiegħu".

Illi kif jidher, din il-projbizzjoni ta' sullokazzjoni u ta' ċessjoni hija assoluta, u ma tiddependi minn ebda modalita jew kunsens.

Illi jirriżulta mill-provi illi l-intimat poġġa fil-ħanut bħala substitute lil Roy Marmara u kien jaqsam miegħu l-profitti, pero minn xi sena 'l hawn il-kondizzjonijiet tbiddlu u l-intimat issulloka dana l-ħanut lill-istess Marmara bil-kera ta' lira u ħames xelini kuljum, u l-profitti tal-ħanut jeħodhom l-istess Marmara.

Illi jirriżulta illi dan Marmara ma hux soċju fid-ditta "Canberra Company" iżda hu terza persuna, u għalhekk huwa l-każ ta' vera sullokazzjoni. Il-fatt li fuq il-liċenza tal-pulizija dan Marmara jidher bħala "substitute" tal-intimat, ma għandux rilevanza, għax dan jirrigwarda biss il-kwistjoni tar-responsabilita tat-titolari di fronti għar-regolamenti tal-pulizija, imma ma jalterax in-natura ġuridika tal-operazzjoni bejn l-intimat u Marmara.

Illi ma jirriżultax illi r-rikorrenti jew l-awtur tagħhom b'xi mod ta' l-kunsens tiegħu għal din is-sullokazzjoni nonostanti d-diviet fil-kuntratt, jew b'xi mod taċitament akkwiexxew għaliha.

Rat ir-rikors li bih l-imsemmi Giovanni Pace appella

minn dawk iż-żewġ deċiżżjonijiet u talab li:—

(1) L-ewwel deċiżżjoni tiġi riformata billi jiġi ordnat li r-rikors, kif għandu jiġi korrett, jiġi notifikat mill-ġdid lilu u għalhekk l-atti tal-kawża jiġu rinvjati lill-Bord (wara li tiġi revokata kif ser jingħad id-deċiżżjoni fil-meritu) biex wara li tkun saret dik in-notifika l-kawża tiġi trattata u deċiża fil-meritu skond il-liġi.

(2) Li għalhekk, u għax meta ġiet pronunzjata, la saret u anqas ma setgħet issir il-korrezzjoni ordnata bl-ewwel deċiżżjoni, tiġi dikjarata nulla t-tieni deċiżżjoni, dik fil-meritu, u għalhekk tiġi revokata billi jsir ir-rinviju fuq imsemmi bid-direttivi msemmija u b'kull provvediment ieħor li din il-Qorti jogħġobha tagħti.

(3) Fl-aħħarnett u in subordine, f'każ ta' eżitu sfavorevoli tal-preċedenti domandi, id-deċiżżjoni fil-meritu tiġi revokata billi t-talba ta' l-appellati tiġi miċħuda.

F'kull każ bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati.

Rat ir-risposta ta' l-appellati li qalu illi d-deċiżżjonijiet appellati huma ġusti u jistħoqqilhom konferma bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

Rigward l-ewwel deċiżżjoni. l-appellant spjega fir-rikors tiegħu ta' l-appell u wkoll fit-trattazzjoni orali, illi l-ilment tiegħu ma hux dirett kontra dik id-deċiżżjooni in kwantu ċaħdet l-eċċezzjoni tan-nullita tar-rikors u ordnat

il-korrezzjoni fl-isem ta' waħda mir-rikorrenti (issa appellati), iżda jikkonsisti fil-fatt illi dak ir-rikors, kif kellu jiġi korrett, ma ġie qatt notifikat lilu mill-ġdid anzi l-anqas kien korrett jew sata jiġi korrett qabel il-pronunzja ta' t-tieni deċiżżjoni. Inveċe — isostni l-appellant — il-Bord kellu, wara li awtorizza u ordna l-korrezzjoni, jordna notifika ġdida tar-rikors kif korrett, u billi dan ma sarx il-proċeduri ulterjuri huma nulli wisq aktar illi l-korrezzjoni ma setgħatx issir qabel ma dik "is-sentenza" ssir ġudikata (art. 264(1) Proc. Ċivili).

Issa huwa ċertament veru, kif din il-Qorti qalet fis-sentenza "Zarb McKeon vs. Fraser" (Kollez. Vol. XXIX, I, 1014) illi huwa użu tal-Qrati tagħna illi meta skrittura, speċjalment iċ-ċitazzjoni (jew s'intendi l-att li jinizzja l-proċeduri) jiġu korretti, billi per eżempju jsir tibdil fl-isem ta' xi waħda mill-partijiet, dik l-iskrittura tiġi notifikata mill-ġdid. (Ara wkoll Vol. XXXIX, II, 566). Iżda **fiċ-ċirkostannzi partikolari tal-każ** il-Qorti ma jidhriliex illi, **minħabba biss** li ma ġietx ordnata n-notifika mill-ġdid kien hemm nullita tal-proċeduri li saru wara. Għad illi l-kunjom ta' waħda mir-rikorrenti kien indikat ħażin fl-"okkju" tar-rikors, immedjatament wara, fil-korp tar-rikors, dak il-kunjom ġie ndikat tajjeb. Dan l-iżball ma ta' lok għal ebda disgwid jew inkonvenjent lill-appellant fid-difiża tiegħu fil-kawża, u kien biss fi stadju avanzat illi l-appellant qajjem kwistjoni fuqu. Hu ma satax ma kienx jaf ben tajjeb min kienu l-persuni li kontra tagħhom kien qiegħed jikkontesta l-kawża. Dwar ir-riferenza li l-appellant għamel għall-artikolu 264(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (kif issa emendat) biżżejjed jingħad illi d-deċiżżjoni in kwistjoni ma hix "sentenza" li għaliha tgħodd dik id-disposizzjoni, apparti milli bl-artikolu 265(c) id-digrieti interlokutorji (u għal dan tammonta dik id-deċiżżjoni) huma eċċettwati mill-imsemmi art. 264(1).

Għalhekk dan l-ewwel aggravju ta' l-appellant ma jistħoqqlux, fil-fehma tal-Qorti li jiġi eżawdit.

Pero, l-istess appellant jilmenta fit-tieni lok, illi d-deċiżżjoni fil-meritu mogħtija mill-Bord fl-istess ġurnata li fiha ġiet mogħtija l-ewwel deċiżżjoni li biha ġiet ordnata l-korrezzjoni, hija nulla anki għal raġunijiet oħra, apparti li ma kienx hemm notifika ġdida tar-rikors kif kellu jkun korrett.

Ġie spjegat fit-trattazzjoni orali illi t-tieni deċiżżjoni ngħatat immedjatament wara l-ewwel waħda, bla ma saret ebda trattazzjoni ulterjuri u ma nstemgħu ebda provi oħra. Għad illi fil-verbal tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar, 1964 il-kawża tħalliet għal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Frar, 1964 "għall-provi kollha" u anki fil-verbal tal-wieħed u għoxrin (21) ta' April, 1964 raġa ntqal illi l-kawża baqgħet għall-wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju, 1964 "għall-provi kollha ta' l-intimat", fil-fatt jidher illi sad-disgħa (9) ta' Lulju kienu għadhom qed jiġu eskussi l-provi. Dik inhar, mix-xhieda kollha li kienu ġew inġunti mill-intimat bir-rikors tiegħu ma jidherx li nstemgħet ħlief xhud waħda, il-Markiża Desain, u xhud oħra li ma tidherx indikata fost ix-xhieda hekk inġunti. Dan jidher li ġara għaliex, f'dik is-seduta, l-appellant, permezz tal-Prokuratur Legali tiegħu, issolleva l-eċċezzjoni tan-nullita tar-rikors minħabba l-isem żbaljat tal-Markiża Desain u għalhekk il-Bord iddifferixxa l-kawża u ordna li —

"Tibqa għall-erbatax (14) ta' Lulju għas-sentenza fuq il-kwistjoni tan-nullita tar-rikors".

Inveċe ġara, kif ġa ntqal, illi f'dik id-data il-Bord mhux biss ta' d-deċiżżjoni tiegħu fuq dik il-kwistjoni; iżda ta wkoll minnufih wara, d-deċiżżjoni tiegħu fuq il-meritu kolla

tal-kawża, bla ma jidher illi dwar dan il-meritu l-appellant kien għadu eżawrixxa il-provi tiegħu jew kellu l-opportunita li jissottometti l-argumenti tiegħu oralment. L-appellant jilmenta illi "mill-provi li kienu jsiru li kieku l-kawża ħadet il-kors normali tagħha, id-domanda tar-rikors kellha tiġi, flok akkolta, respinta."

S'intendi din il-Qorti m'hix f'posizzjoni li tgħid, x'riżultat il-kawża kien ikollha kieku l-kors tagħha kien differenti: iżda tħoss li għandha tgħid illi, presumibilment minħabba żvista tal-verbal fuq imsemmi tad-disgħa (9) ta' Lulju, 1964, ġrat irregolarita li tammonta għall-vjolazzjoni ta' prinċipju ta' ġustizzj naturali, in kwantu li l-kawża nqagħtet fil-meritu qabel ma nstemgħu l-provi kollha u mingħajr ma l-appellant ġie mħolli l-opportunita li jagħmel it-trattazzjoni fuqu. Ikun liema jkun ir-riżultat finali, jidher illi, ċertament, is-sottomissjonijiet ta' l-appellant dwar dan il-meritu kellhom jiġu kunsidrati.

Din m'hijiex kwistjoni ta' sempliċi vjolazzjoni ta' forma, f'liema każ din il-Qorti ma kienetx tannulla s-sentenza ħlief jekk jidhrilha illi fis-sostanza, mhux ġusta. Hawn si tratta ta' sentenza illi ma missiex u ma setgħatx legalment tingħata fiċ-ċirkostanzi fuq imsemmija. Di pju trattandosi ta' proċeduri li, in prim' istanza, għandhom skond il-liġi jsiru quddiem u jiġu deċiżi minn Tribunal Speċjali, huwa ovvjament desiderabbli illi jkun hemm id-doppju eżami fl-ewwel lok minn dak it-Tribunal u dan jista jsir billi tiġi annullata s-sentenza u l-atti jiġu rinvjati lill-Bord biex, wara li jinstemgħu l-provi li jonqos u ssir it-trattazzjoni skond il-liġi, il-kawża tarġa tiġi regolarment deċiża fl-ewwel lok mill-Bord.

Għal dawn il-motivi, u bla ma tidħol fi kwistjonijiet oħra rigwardanti l-meritu, din il-Qorti tiddeċiedi billi tiċ-

ħad l-appell in kwantu jirrigwarda l-ewwel deċiżżjoni appellata, ċioe dik li ordnat il-korrezzjoni tal-kunjom, u ċaħdet l-eċċezzjoni tan-nullita tar-rikors, u tikkonferma dik id-deċiżżjoni, bl-ispejjeż ta' l-appell fuq dan il-kap kontra l-appellant, u tilqa l-appell in kwantu dirett kontra s-sentenza fil-meritu fis-sens li tiddikjara dik is-sentenza nulla u tordna li l-atti tal-kawża jiġu rinvijati lill-Bord biex fis-sens tal-konsiderazzjonjiet premessi, il-kawża terġa tiġi regolarment deċiża. L-ispejjeż ta' l-appell fuq dan il-kap iħallsuhom l-appellati. Dawk ta' prim' istanza jibqgħu riservati għad-deċiżżjoni li għad terġa tingħata.